# IL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-ĠILJU F'WIED SARA, GĦAWDEX

*Horatio Caesar Roger Vella**

Il-Parroċċa taż-Żebbuġ f'Għawdex twaqqfet mill-Isqof Davide Cocco Palmeri fit-28 ta' April, 1688, meta ħoloq erba' parroċċi ġodda li kollha ħarġu mill-Matriċi tar-Rabat ta' Għawdex, jiġifieri, dawk ta' Sannat, ix-Xagħra, li dak iż-żmien kienet tissejjaħ "Caccia", Santa Marija tal-Qala, li ħadet postha dik tan-Nadur, u dik taż-Żebbuġ. Il-Kappillani ta' dawn il-parroċċi ġodda kienu obbligati li nhar l-Assunta jieħdu xemgħa lill-Arċipriet tal-Knisja Matriċi;[1] imma din il-prattika l-ewwel tbiddlet f'offerta ta' flus, u wara spiċċat għalkollox.[2] L-Arċipriet tal-Matriċi kien ukoll mistenni li jattendi għall-purċissjonijiet pubbliċi u li jippresiedi fil-funzjonijiet liturġiċi ta' dawn l-erba' parroċċi. Parti mill-prebenda ta' dan l-Arċipriet, jiġifieri dħul mill-artijiet li kienu jgħajtu lill-parroċċa tiegħu, issa bdiet isservi biex tmur għall-Kappillan il-ġdid taż-Żebbuġ. Dħul ieħor kien jasallu minn artijiet fiż-Żebbuġ stess li l-Gran Mastru kellu f'dak ir-raħal.[3] Peress li kienu qamu dubji fl-Isqof meta ddeċieda li joħloq l-erba' parroċċi u għamel il-Parroċċa ta' San Ġorġ taħt dik tal-Matriċi, sena wara, jiġifieri, fl-1689, huwa talab lis-Santa Sede tikkonferma d-deċiżjoni li kien ħa.[4]

L-ewwel Kappillan taż-Żebbuġ, Dun Franġisk Vella, kellu jieħu ħsieb parroċċa tabilħaqq żgħira fil-popolazzjoni, imma wiesgħa ġeografikament li kienet tħaddan żewġ irħula, iż-Żebbuġ u l-Għasri, u art li kienet tifrex minn Wied il-Mielaħ sa Marsalforn, u minn Ras ir-Reqqa sar-Rabat. Dan l-inħawi kien jinkludi Wied il-Għasri, l-Għolja ta' Ġordan, parti mill-Għolja ta' Għammar, parti minn Wied Sara, parti mill-Għolja ta' Ħarrax, l-Għolja ta' Kuljat, l-Għolja tad-Dabrani u parti mill-Wied ta' Marsalforn.[5] Kellu jamministra mill-Knisja ċkejkna tal-Assunta, li fi żmien l-istess Kappillan ġiet integrata fi knisja ikbar, u li matul l-aħħar gwerra ġiet meqruda biex l-istess knisja titkabbar iktar.

Fost l-artijiet li kienu jagħmlu l-prebenda tal-Kappillan taż-Żebbuġ insibu għelieqi msejħa "Il-Ħaġġarija", "Ta' Għajn Abdul" (ħdejn Santa Luċija) u "Tan-Nuffara",[6] kif ukoll "Tal-Ġorf", "Ta' Nuffara", "Ta' Żoċċu", "Ta' Mewġ il-Baħar", jiġifieri, il-Qbajjar, "Ta' Kanċila", "Ta' Wied ir-Rahan", u "Ta' Wied tal-Għasri".[7] Fil-każ ta' "Tal-Ġorf", "Ta' Nuffara" and "Ta' Żoċċu", huwa mniżżel ċar li dawn l-għelieqi ttieħdu mill-Parroċċa ta' San Ġorġ li, minħabba f'hekk, dik il-parroċċa setgħet tisħaq id-dritt li tissejjaħ "Ko-Matriċi" taż-Żebbuġ:



Knisja f'Wied Sara, Għawdex



Knisja oħra taħt bini f'Wied Sara



Ġebel tal-knisja miżbugħ



Diga u għadira ħdejn il-knisja



Ħajt tas-sejjieħ maġenb il-knisja

*Le suddette terre site in Casal {Caccia} in contrada Tal Giorff e portano la stessa denominazione sono della capacità di circa un tumulo e Quattro mondelle. Confinata da tutti i lati con beni di Governo. Proveniente dalla assegnazione fatta dalla Par[ochia]le Chiesa di S[an] Giorgio in occasione della smembrazione, come risulta dagli atti del Not. Gio[vanni] Batt[ista] Dorbies li 28 April 1684.*[8] *Al presente è in gabella presso Paolo Galea da C[asal] Caccia Ta Nenus per £s 0.10 pag[a] te 15 Ag[ost]o e 25 Dic[ember.* Nittraduċi kif ġej:

"L-artijiet imsemmija fuq jinsabu f'raħal (Caccia) fl-inħawi "Tal-Ġorf" u għandhom l-istess denominazzjoni. Huma għandhom l-arja ta' madwar tomna u erba' sigħan. Hija mdawra minn kull naħa bl-artijiet tal-Gvern. Huma ġejjin mill-għotja magħmula mill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tal-ħruġ tal-parroċċa, kif jirriżulta mill-Atti tan-Nutar Ġwanni Battista Dorbies tat-28 ta' April, 1688. Bħalissa hija mqabbla lil Pawlu Galea tar-Raħal ta' Caccia mlaqqam "Ta' Nenu" għal £s 0.10 imħallsa fil-15 ta' Awwissu u fil-25 ta' Diċembru."

L-istess kummenti fuq l-għotja ta' artijiet liż-Żebbuġ mill-Parroċċa ta' San Ġorġ japplikaw għall-artijiet "Ta' Nuffara" u "Ta' Żoċċu".

B'kollox, il-Parroċċa taż-Żebbuġ kellha 30 knisja, li kienu jinsabu fin-naħat taż-Żebbuġ, tal-Għasri, ta' Wied il-Mielaħ, ta' Marsalforn u ta' Wied Sara. Minn dawn kollha, tlieta biss għadhom b'xi mod jeżistu: dik tal-Assunta fiż-Żebbuġ, dik tal-Patroċinju f'Wied il-Għasri, u dik tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Marsalforn. Iżda, biex inkun preċiż, jeżistu fdalijiet ta' żewġ knejjes oħra f'Wied Sara li kienu jagħmlu mal-Parroċċa taż-Żebbuġ, li ħadd ma jaf bihom, u li waħda minnhom setgħet kienet iddedikata lill-Madonna tal-Ġilju.

F'Wied Sara Agius De Soldanis jirreferi għal dawn il-knejjes kollha: Dik tal-Lunzjata, imsemmija wkoll fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Dusina,[9] dik tal-Assunta, imsemmija biss fil-Viżta Pastorali tal-1608, meta kienet ġa abbandunata,[10] dik ta' San Ġiljan, viċin l-art li ġġib l-isem "Ta' Ġilju",[11] dik tal-Madonna tal-Ġilju, imsemmija għall-istess inħawi,[12] u tnejn iddedikati lil Santa Marija Maddalena, waħda minnhom ipprofanata fl-1657, l-oħra kienet tinsab fl-inħawi msemmi "Ta' Ġilju" u għalhekk viċin dik iddedikata lil San Ġiljan.[13] Barra minn dawn, Agius De Soldanis isemmi knisja oħra f'Wied Sara, dik ta' Sant Iermu, jew San Erażmu.[14]

Ebda waħda minn dawn il-knejjes ma għadhom jidhru, ħlief fdalijiet ta' tnejn li jiena skoprejt kif kont qed ninvestiga fl-inħawi ta' Wied Sara. Waħda minnhom illum qiegħda sservi bħala ġibjetta proprju għaliex il-parti t'isfel, kif kienu xi knejjes Biżantini f'Malta u f'Għawdex, kienet skavata fil-blat, waqt li l-parti ta' fuq kienet msaqqfa permezz ta' tliet arkati u x-xriek imqabbat mal-arkati.[15] Proprju fuq il-lemin ta' din il-knisja, wieħed għad jista' jara tliet ġebliet miżbugħin b'kulur *maroon* bi strixxa ikħal skur. Il-knisja hija wiesgħa tmien piedi, u fuq ix-xellug tagħha, int u tħares lejha, mal-passaġġ li jwasslek lejha, hemm ħajt tas-sejjiegħ, mibni tajjeb, li jmur lura sas-seklu sbatax. Fl-istess passaġġ, mal-art, wieħed jista' jara toqob li jservu sabiex jinġabar l-ilma, u kull toqba tagħti l-ilma lil toqba oħra permezz ta' kanal imħaffer fil-blat.

Biex wieħed jasal sa din il-knisja, wieħed għandu l-ewwel imur sal-pont li jaqsam Wied Sara li jwasslek lejn raħal ċkejken, liema triq li tgħaddi minn dan ir-raħal twasslek sal-Għasri. Proprju minn taħt dak il-pont jgħaddi Wied Sara, u tulu jgħaddi passaġġ. Meta wieħed jimxi lejn il-Punent, wara ftit metri, jasal f'post fejn ikollu jagħżel bejn żewġ toroq, waħda tieħu xellug, l-oħra lemin, imma dejjem lejn id-direzzjoni tal-Punent. Il-passaġġ tal-lemin imbagħad iwasslek lejn id-direzzjoni ta' akwadot li jinsab viċin it-triq li minn Victoria tieħdok lejn l-Għarb. Proprju meta wieħed jaħbat ma' diga u l-għadira warajha, hemmhekk iħares lura u jara dak li fadal minn din il-knisja, b'arkata minn tlieta għadha f'postha.

Il-fdalijiet ta' knisja oħra f'Wied Sara jistgħu jintlemħu b'dan il-mod. Meta wieħed jinżel mit-triq li miż-Żebbuġ tieħdok lejn Victoria, propju faċċata tan-niċċa tal-Madonna li l-Kunsill Lokali waqqaf biex jimmarka l-periferija tar-raħal tiegħu qabel ma jidħol



Kanali tal-ilma maġenb il-knisja



Knisja ta' Sant' Anastasja f'Ħal Kirkop [15]

fl-inħawi tal-Belt, hemm pont li minnu wkoll jgħaddi Wied Sara. 'Il ġewwa minn dan il-pont lejn il-Punent, meta wieħed jixref f'għalqa, jara dar abbandunata u mwaqqa', mibnija fuq dik li kienet knisja, bl-arkati f'posthom u jerfgħu d-dar ta' fuqha. L-aċċess għad-dar jinsab fil-bidu tat-triq li mit-tondjatura tieħdok lejn l-Għasri.

Għalkemm mhuwiex possibbli li nipprova li waħda minn dawn il-fdalijiet ta' knejjes kienu jappartjenu għall-Knisja tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa Wied Sara f'Għawdex, ħassejt li kien f'waqtu li niddeskrivi fejn huma bit-tama li ma jispiċċawx mal-progress tal-bini, u li ma jibqgħux jintlaqtu mill-elementi bħalma għaddew minnhom tul dawn is-sekli kollha. Li huwa fatt hu xi mkien f'dan il-Wied ta' Sara, taħt l-Għolja Gelmus, hemm inħawi li kien imsejjaħ "Ta' Ġilju", u proprju hemm kienet tinsab il-Knisja tal-Madonna tal-Ġilju, f'Wied Sara, limiti tal-Parroċċa taż-Żebbuġ fil-bidu tal-eżistenza tagħha.

* Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

## *Noti*

1 A[rkivju] K[atidral] ta' M[alta] 23, ff.12v.-13v.
2 G.A. Vella (1963), 12-13.
3 A.K.M. 23, ff. 12v.-13v.
4 A.K.M. 23, ff.12v.-13v.
5 J.P.F. Agius de Soldanis (1953), 2.67.
6 J. Vella (1987), 21-22.
7 H.C.R. Vella (2016), ms. A2054 (numru temporanju). Għall-kopja ta' pjanta ta' Għajn Abdul magħmula madwar l-1970, ara H.C.R. Vella (2016), A2668 (numru temporanju).
8 Din id-data kellha tinqara "it-28 ta' April, 1688".
9 P. Dusina (1575), ff. 188-188v.
10 J. Bezzina (1989a), 27.
11 J.P.F. Agius de Soldanis (1953), 2.70. De Soldanis jgħidilna li skont l-Atti tan-Nutar Luċju Re (Dellorè) tal-11 ta' Marzu, 1634, Fabrizju Cassar ħalla legat li bih kellhom jitħallsu l-ispejjeż tal-festa ta' San Ġiljan.
12 J.P.F. Agius de Soldanis (1953), 2.74. Skont l-istess Agius De Soldanis, in-Nutar Antonju Platamone ħalla legat ta' xi għelieqi li d-dħul minnhom kellhom iħallsu l-ispejjeż tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju.
13 J.P.F. Agius de Soldanis (1953), 2.75.
14 J.P.F. Agius de Soldanis (1953), 2.70.
15 Hekk hi l-Knisja ta' Santa Anastasja ġewwa Ħal Kirkop, illum kantina ġewwa dar fi Triq San Leonardu, numru 37. Fix-xitwa, din issir ġibja. Ix-xorok huma ta' żmien ir-Rumani. Għalhekk, il-Knisja Biżantina użat ġibja Rumana bħala knisja semi-sotterranja.

## ***Referenzi***

*Arkivju Katidral ta' Malta, ms. 23.*

*Agius de Soldanis, J.P.F. (1953). Għawdex bil-ġrajja tiegħu miġjub bil-Malti minn Mons. Dun Ġużepp Farrugia. Gozo, Malta, Fondazzjoni Belt Vittorja.*

*Bezzina, J. (1989). Marian shrines in Gozo: a review of sixty Madonna churches. 1200-1990. Gaulitana 7. Valletta, Malta, Bugelli.*

*Dusina, P. (1575) f' Aquilina, G. and S. Fiorini edi (2001). Mgr. Petrus Dusina, 1575: Malta: Visita Apostolica no. 51. F'Documentary sources of Maltese history. Part IV. Documents at the Vatican. No. 1: Archivio Segreto Vaticano. Congregazione Vescovi e Regolari. Malta, University of Malta Press.*

*Vella, G.A. (1963). Iż-Żebbuġ u l-ġrajja tiegħu. Gozo: Legion Press.*

*Vella, H.C.R. (2016). Katalgu ta' manuskritti, kotba u affarijiet oħra fil-Knisja Matriċi Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex. (xogħol għadu għaddej).*

*Vella, J. (1987). Iż-Żebbuġ, il-Parroċċa ta' Santa Marija. Gozo, Gozo Press.*